# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-Trattat ta' Lisbona u l-funzjonament tas-suq intern" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2011/C 44/12)

Relatur: **is-Sur PEGADO LIZ**

Nhar it-18 ta' Frar 2010, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar:

*It-Trattat ta' Lisbona u l-funzjonament tas-suq intern.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-15 ta' Ġunju 2010.

Matul l- 464 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-14 u l-15 ta' Lulju 2010 (seduta tal-14 ta' Lulju 2010), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'129 vot favur, 2. voti kontra u 8 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 It-Trattat ta' Lisbona inizjalment kellu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009, iżda fil-fatt daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009 ladarba ntemm il-proċess ta' ratifika mis-27 Stat Membru. Ta' min jinnota li dan it-Trattat għadu kumpless u diffiċili biex jinftiehem.

1.2 L-istudju komparattiv li jagħmel parti mir-rapport ta' informazzjoni (CESE 241/2008) jippermetti li tinsilet il-konklużjoni li s-suq intern, għalkemm strutturalment ma nbidilx bit-Trattat ta' Lisbona l-ġdid, jidher li qiegħed jiddefinixxi lilu nnifsu b'mod iżjed soċjali. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li t-Trattat Kostituzzjonali seta' jbeżża' lil xi wħud permezz tal-espressjoni "suq intern fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux imxekkla", it-Trattat ta' Lisbona jidher li jagħti lis-suq intern objettivi aktar soċjali billi jaħdem lejn "ekonomija soċjali tas-suq li xxaqleb lejn l-impjieg totali u l-progress soċjali".

1.3 Barra minn hekk, jidher li t-testi magħrufa sal-lum il-ġurnata dwar il-linji gwida politiċi futuri tal-Kummissjoni u dwar l-Istrateġija 2020 u l-bosta dikjarazzjonijiet tal-Kummissarji u l-mexxejja politiċi fil-livell nazzjonali jridu jsegwu l-istess direzzjoni lejn dimensjoni tas-suq intern li gradwalment issir aktar qrib iċ-ċittadini.

1.4 Din id-dimensjoni ssaħħet ukoll permezz tar-referenza espliċita għas-setgħa legali vinkolanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li għandha "l-istess valur legali bħat-Trattati" però b'ċerti restrizzjonijiet f'xi Stati Membri.

1.5 Min-naħa l-oħra, il-proċess leġislattiv dwar is-suq intern ser ikun immarkat mill-intervent tal-parlamenti nazzjonali li huma mitluba jiżguraw li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, prinċipju li jirregola t-twettiq tal-kompetenzi kondiviżi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Permezz ta' żewġ Protokolli, wieħed dwar "ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali" u l-ieħor dwar "l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità", għandhom il-possibbiltà li jitolbu li ssir reviżjoni ta' proposta leġislattiva fl-ewwel qari. Dan isaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika fil-proċess leġislattiv tal-Unjoni.

1.6 Jekk l-intervent preventiv tal-parlamenti nazzjonali jaħdem tajjeb, u jekk il-kontroll li jsir fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà jkun wieħed effiċjenti u ta' kwalità tajba, b'mod li jappoġġja bis-sħiħ il-"mekkaniżmu ta' twissija bikrija", li t-Trattat ta' Lisbona ħa mill-Kostituzzjoni, jista' jagħti l-każ li l-Istati Membri ma jibqgħux jikkritikaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni bħala leġislazzjoni li tinterferixxi fuq il-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċittadini Ewropej na jħossuhiex bħala marka ta' ċertu "ċentraliżmu minn Brussell". Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-parlamenti nazzjonali jsaħħu n-netwerking tagħhom peress li l-iskop u l-effiċjenza tal-"mekkaniżmu ta' twissija bikrija", għalkemm huwa dritt individwali mogħti lil kull kamra, jiddependi mill-kapaċità li jkollhom il-parlamenti nazzjonali biex jorganizzaw ruħhom b'mod kollettiv.

1.7 It-Trattat ta' Lisbona jiġġeneralizza wkoll il-"proċedura leġislattiva ordinarja" (kodeċiżjoni skont l-Artikolu 251 KE) għas-suq intern, hekk kif jixhed b'mod partikolari l-Artikolu 48 tat-TFUE dwar il-miżuri meħtieġa għall-moviment liberu tal-ħaddiema fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

1.8 B'hekk, it-Trattat ta' Lisbona jixtieq jiffaċilita l-iżvilupp tas-suq intern billi jiġġeneralizza aktar il-kodeċiżjoni li huwa jsejjaħ "proċedura leġislattiva ordinarja", iżda huwa jżid sieħeb ġdid mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet, jiġifieri l-parlamenti nazzjonali li issa jridu jitqiesu għall-adozzjoni ta' kull miżura leġislattiva li tapplika għas-suq intern.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Ir-rapport ta' informazzjoni dwar l-impatt tat-Trattat ta' Lisbona fuq is-suq intern [1] li ġie adottat mis-Sezzjoni Speċjalizzata fit-13 ta' Ġunju 2008 ppropona studju komparattiv

[1] CESE 241/2008 - INT/393 (mhux ippubblikat fil-ĠU).

f'forma ta' tabella fejn jitqabblu d-dispożizzjonijiet dwar is-suq intern fit-Trattat ta' Lisbona, it-Trattat KE, li dak iż-żmien kien għadu fis-seħħ, it-Trattat Kostituzzjonali (il-"Kostituzzjoni" li qatt ma ġiet irratifikata), u l-kummenti tal-Osservatorju tas-Suq Uniku dwar il-konsegwenzi legali tat-test adottat f'Lisbona fit-13 ta' Diċembru 2007.

2.2 Id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona inizjalment kienet prevista għall-1 ta' Jannar 2009, iżda l-pjan sfaxxa nhar it-12 ta' Ġunju 2008 meta l-Irlanda rrifjutat it-Trattat ta' Lisbona f'referendum.

2.3 Wara li l-Irlanda ngħatat garanzija dwar is-sovranità nazzjonali u ġiet assigurata dwar il-fatt li kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea ser jibqa' jkollu l-kummissarju proprju tiegħu, it-Trattat ġie adottat permezz ta' referendum fit-3 ta' Ottubru 2009.

2.4 Id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Ċeka tat-3 ta' Novembru 2009, li ddikjarat li t-Trattat ta' Lisbona kien konformi mal-liġi fundamentali Ċeka, temmet id-dewmien fir-ratifika. Il-firma tal-President Vaclav Klaus temmet il-proċess ta' ratifika u t-Trattat fl-aħħar daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009.

2.5 Iż-żmien li għadda bejn l-adozzjoni tar-rapport ta' informazzjoni tal-KtR u d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar miżuri għat-titjib fil-funzjonament tas-suq uniku kif ukoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv", adottata fit-3 ta' Marzu 2010, illum wasslu sabiex il-Kumitat iqis li huwa opportun li r-rapport imsemmi hawn fuq isir opinjoni fuq inizjattiva proprja biex ikun jista' jaġġornah u jippubblika l-opinjoni tiegħu dwar is-suġġett. Dan kollu huwa u jirrifletti fuq kwistjonijiet ġodda li ma ġewx indirizzati minħabba nuqqas ta' distakk suffiċjenti fir-rigward tat-test tat-Trattat li kellu problemi ta' leġġibbiltà u li l-aħħar verżjoni kkonsolidata tiegħu ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2010 ([2]).

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 L-avvenimenti politiċi li kkaratterizzaw l-istorja tat-Trattat ta' Lisbona, mill-iffirmar mis-27 Stat Membru fit-13 ta' Diċembru 2007 sad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Diċembru 2009, fil-biċċa l-kbira tagħhom ma bidlux id-dispożizzjonijiet dwar is-suq intern iżda kellhom b'mod prinċipali konsegwenzi istituzzjonali.

3.1.1 Fil-fatt, huwa u jieħu nota tat-tħassib tal-poplu Irlandiż kif espressi mill-Prim Ministru Irlandiż, il-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008 stqarr li, sakemm it-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ, ser tittieħed deċiżjoni, b'konformità mal-proċeduri legali neċessarji, biex il-Kummissjoni tibqa' tkun magħmula minn rappreżentant minn kull Stat Membru.

3.1.2 Il-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 ta lill-Irlanda garanziji legalment vinkolanti, iżda li la għandhom impatt fuq ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri l-oħra, u lanqas fuq il-kontenut u l-applikazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona, li ċerti suġġetti (bħat-taxxa, id-dritt għall-ħajja, l-edukazzjoni, il-familja, u l-politika ta' newtralità militari) mhux ser jintlaqtu mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

3.1.3 Barra minn hekk, dan il-Kunsill Ewropew adotta Dikjarazzjoni solenni dwar l-importanza tad-drittijiet tal-ħaddiema u tas-servizzi pubbliċi.

3.2 Id-dewmien tar-Repubblika Ċeka biex tirratifika t-Trattat ma kellux konsegwenzi immedjati fuq it-Trattat ta' Lisbona. Fil-fatt, kif qablu l-Istati Membri matul il-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009, il-protokoll għat-trattat ta' adeżjoni li jmiss ser jeskludi lir-Repubblika Ċeka, flimkien mar-Renju Unit u l-Polonja, mill-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

3.3 Ir-rapport ta' informazzjoni dwar l-impatt tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-funzjonament tas-suq intern u l-annessi tiegħu għadhom validi u jistgħu jservu ta' bażi għal din l-opinjoni bħala analiżi legali u għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti integrali ta' din l-opinjoni.

3.4 F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona huwa test kumpless anke fil-verżjoni kkonsolidata tiegħu. Il-qari u l-komprensjoni tiegħu huma diffiċli, anke għal avukati speċjalizzati, għaliex huwa r-riżultat ta' sensiela ta' emendi għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jikkostitwixxi l-qafas ġenerali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) li sar it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u li jipprevedi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti mit-TFUE.

3.5 Minħabba li dakinhar tar-ratifika t-test ikkonsolidat uffiċjali ma kienx disponibbli, l-Istati Membri rratifikaw test li ma kienx ċar, diffiċli biex jinqara u fejn il-biċċa l-kbira tal-"mekkaniżmi" ġodda ta' deċiżjoni ma kinux definiti tajjeb, bħief fil-protokolli tat-Trattat u li l-effettività tagħhom kienet għadha ma ġietx ittestjata.

3.6 Barra minn hekk, għall-kuntrarju tat-Trattat Kostituzzjonali, it-test li ġie ffirmat f'Lisbona ma tressaqx għal konsultazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni u lanqas

([2]) ĠU C 83, 30.03.2010 – Minn issa 'l quddiem kull referenza għat-Trattat ta' Lisbona tirreferi għal din il-verżjoni kkonsolidata.

mill-parlamenti nazzjonali jew reġjonali jew l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili, kemm fil-livell Komunitarju, nazzjonali jew reġjonali. Huwa biss wara li ġie rratifikat it-Trattat li l-Kummissjoni u l-Kunsill iddeċidew li jippubblikaw dokumenti ta' informazzjoni u ta' spjegazzjoni tal-kontenut u tal-vantaġġi tat-Trattat il-ġdid, għall-kontra ta' dak li kien sar għall-"Kostituzzjoni".

3.7 It-Trattat ta' Lisbona dar lura għall-metodu li jemenda t-trattati eżistenti fil-qafas ta' Konferenza Intergovernattiva (KIG) magħmula biss mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, filwaqt li l-"Kostituzzjoni" tfasslet fil-qafas ta' Konvenzjoni magħmula fil-biċċa l-kbira tagħha minn membri parlamentari nazzjonali inklużi dawk mill-Istati Membri futuri tal-2004 u l-2007, membri parlamentari Ewropej, rappreżentanti mill-ħmistax-il Stat Membru u mit-tnax il-Stat Membru kandidat ta' dak iż-żmien, kif ukoll mit-Turkija, il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, fosthom il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, bħala osservaturi.

3.8 Għaldaqstant, it-Trattat ta' Lisbona juri b'mod ċar li l-Istati Membri ħadu lura r-responsabbiltà f'idejhom meta mqabbla mal-Kostituzzjoni, li kienet ta' natura aktar federalista. Din il-bidla fil-poter toħroġ fid-dieher b'mod partikolari fit-tneħħija tas-simboli li l-Kostituzzjoni introduċiet, simboli li setgħu jagħtu x'jifhmu li kien qed jinħoloq Stat federali (bandiera, innu, munita, l-għażla tad-9 ta' Mejju bħala l-ġurnata tal-Ewropa).

3.9 It-Trattat ta' Lisbona jgħaqqad flimkien it-tliet pilastri billi jagħti l-istess valur legali lit-TUE u lit-TFUE ([3]). Barra minn hekk, l-Unjoni kisbet personalità ġuridika billi ssostitwixxiet u saret is-suċċessur tal-Komunità Ewropea, mentri li sad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, kienet biss il-Komunità Ewropea li kellha personalità ġuridika.

3.10 Il-primat tal-liġi tal-Unjoni fuq id-dritt tal-Istati Membri ddaħħlet mill-ġdid fl-Artikolu I-6 tat-Trattat Kostituzzjonali fost il-prinċipji fundamentali tal-Unjoni. Sabiex tintemm il-polemika li qamet minħabba l-fatt li l-prinċipju tal-primat iddaħħal fil-Kostituzzjoni, b'riflessjoni tal-każistika eżistenti tal-Qorti, il-prinċipju tal-primat jinsab fid-Dikjarazzjoni Nru 17. Il-Konferenza ddeċidiet li tehmeż mat-Trattat ta' Lisbona l-opinjoni mħejjija mis-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-primat, filwaqt li tfakkar is-sors ġurisprudenzali tal-prinċipju tal-primat u l-valur tiegħu bħala prinċipju fundamentali.

3.11 It-Trattat ta' Lisbona jimmodifika l-istatut legali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li ġiet ipproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza. Fil-fatt, matul is-Summit ta' Nizza ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar in-natura legalment vinkolanti tal-Karta u għaldaqstant baqgħet dikjarazzjoni tal-prinċipju mingħajr valur legali kkonfermat.

3.11.1 Min-naħa l-oħra, jidher li l-Karta kisbet setgħa legali vinkolanti b'riżultat tal-integrazzjoni tagħha fil-Kostituzzjoni. Peress li din ma ġietx irratifikata, in-natura legalment vinkolanti tal-Karta prattikament baqgħet teoretika ([4]). It-Trattat ta' Lisbona jikkoreġi din is-sitwazzjoni, iżda ma jinkorporax il-progress kollu li kisbet il-Kostituzzjoni ([5]).

3.11.2 Fil-fatt, l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif emendat mit-Trattat ta' Lisbona jipprevedi li l-Karta għandha "l-istess valur legali bħat-Trattati"; dan ifisser li l-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fil-Karta. L-istess obbligi jiġu imposti fuq l-Istati Membri (il-gvernijiet, l-amministrazzjonijiet, il-ġurisdizzjonijiet) ladarba jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni.

3.11.3 Madankollu, il-Protokoll Nru 30 dwar l-applikazzjoni tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u għar-Renju Unit jiddikjara li l-Karta ma testendix il-fakultà tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew kwalunkwe qorti jew tribunal tal-Polonja jew tar-Renju Unit, li ssib li l-liġijiet tal-Polonja jew tar-Renju Unit huma inkonsistenti mal-Karta.

3.11.4 Dan il-Protokoll jispeċifika wkoll li t-Titolu IV tal-Karta dwar id-drittijiet soċjali u s-solidarjetà ma joħloqx drittijiet applikabbli għall-Polonja jew għar-Renju Unit, ħlief sa fejn il-Polonja jew ir-Renju Unit ikunu pprevedew tali drittijiet fil-liġi nazzjonali tagħhom.

3.11.5 Fl-aħħar, dan il-protokoll jiddikjara li l-Karta tapplika biss għall-Polonja jew għar-Renju Unit sakemm id-drittijiet jew il-prinċipji li jinsabu fiha jkunu rikonoxxuti fil-liġi jew fil-prattiki ta' dawn l-Istati Membri.

---

([3]) Artikolu 1(3) tat-TUE: it-TUE u t-TFUE għandhom l-istess valur filwaqt li, fit-13 ta' Settembru 2005, f'deċiżjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, il-każistika tal-Qorti rrikonoxxiet il-primat tat-Trattat KE fuq it-TUE.

([4]) Madankollu, għalkemm il-Karta mhijiex legalment vinkolanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ta' spiss tirreferi għaliha. Ara b'mod partikolari l-każ reċenti: is-sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2008, Kawża C-244/06 **Dynamic Medien Vertriebs GmbH** vs. **Avides Media AG**, dwar il-moviment liberu tal-merkanzija. Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 24(1) tal-Karta li jistipula li t-tfal għandhom dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom (punt 41 tas-sentenza). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2008, Kawża C-450/06, **Varec SA** vs. **l-Istat Belġjan**, dwar id-dritt ta' stabbilment. Il-Qorti tikkwota l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata (punt 48 tas-sentenza).

([5]) Id-Dikjarazzjoni Nru 11 tal-abbozz tat-Trattat ta' Lisbona tat-23.07.2007 (KIG 3/07) ipprevediet li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ser tiġi pproklamata b'mod solenni mit-tliet istituzzjonijiet dakinhar li jiġi ffirmat it-Trattat ta' Lisbona, iżda ma stqarret xejn dwar il-valur legalment vinkolanti.
Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ġiet ipproklamata għat-tieni darba mit-tliet istituzzjonijiet tal-UE fit-12.12.2007 fi Strasburgu. Din it-tieni proklamazzjoni kienet meħtieġa għax żdiedu spjegazzjonijiet u noti f'qiegħ il-paġna wara l-ewwel proklamazzjoni f'Diċembru 2000 matul is-Summit ta' Nizza.

3.11.6 Fil-prattika, l-ambitu ta' dawn il-protokolli ser ikun limitat wisq: abbażi tal-prinċipju tal-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni, il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, bħala parti integrali mis-sistema legali tal-Unjoni, għandha tiġi rrispettata fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant jekk sentenza tal-Qorti kellha tirreferi jew toħroġ interpretazzjoni tat-Titolu IV tal-Karta, il-qrati tar-Renju Unit jew tal-Polonja jkollhom jirrispettawha, irrispettivament jekk ikunu intervenew fil-proċeduri jew le.

3.12 It-Trattat jinkludi l-possibbiltà provduta fil-Kostituzzjoni biex Stat Membru jiddeċiedi li volontarjament joħroġ mill-Unjoni (Artikolu 50 tat-TUE). Fid-dawl tal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew, l-Unjoni tinnegozja u tikkonkludi ftehim ma' dak l-Istat biex jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ mill-Unjoni filwaqt li jitqies il-qafas għar-relazzjonijiet futuri tiegħu mal-Unjoni.

3.13 Id-deċiżjoni li Stat joħroġ volontarjament mill-Unjoni m'għandhiex tiġi konfuża mal-azzjoni li jitwaqqaf id-dritt għal sħubija fl-UE kontra Stat Membru li jkun kiser b'mod serju u persistenti l-valuri tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 7 tat-TUE (ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, eċċ.) [6].

## 4. **Kummenti partikolari**

4.1 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil ċerti aspetti partikolari ta' natura politika u ekonomika li nħolqu sadanittant minħabba l-iżvilupp tal-politika tas-suq uniku taħt it-termini tat-Trattat il-ġdid, bħall-kompożizzjoni l-ġdida tal-Parlament Ewropew u tal-"Kummissjoni Barroso II".

4.2 Ta' min ifakkar li, f'Novembru 2007, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni importanti dwar "Suq Uniku għall-Ewropa tas-Seklu 21", wara riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Settembru 2007 li sejħet għar-"Reviżjoni tas-Suq Wieħed: negħlbu x-xkiel u l-ineffiċjenzi permezz ta' implimentazzjoni u infurzar aħjar". Din tennet l-idea ta' "viżjoni ġdida" għal suq uniku "li jagħmel aktar biex ikabbar it-tweġiba Ewropea quddiem il-globalizzazzjoni, biex joħloq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, biex jiżgura prezzijiet ġusti u biex jikkontribwixxi għall-ħarsien soċjali u ambjentali". F'żewġ opinjonijiet [7], il-KESE fakkar il-pożizzjoni tiegħu li s-suq uniku minn dejjem kien għodda għas-servizz taċ-ċittadini, il-professjonijiet liberali, il-ħaddiema u l-konsumaturi kollha.

4.3 F'Komunikazzjoni tas-6 ta' Novembru 2008 [8], il-Kummissjoni wriet li l-vantaġġi tas-suq uniku kienu marbutin mat-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva. Fir-rapport tagħha dwar il-progress tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), il-Kummissjoni sejħet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jikkooperaw mill-qrib ħalli tinkiseb kunfidenza reċiproka fis-sistemi tagħhom [9].

4.4 Fir-Rakkomandazzjoni tagħha tad-29 ta' Ġunju 2009 dwar miżuri għat-titjib fil-funzjonament tas-suq uniku [10], il-Kummissjoni identifikat numru ta' nuqqasijiet fir-rigward tal-funzjonament tajjeb tas-suq uniku b'mod partikolari minħabba li r-regoli mhumiex applikati korrettament u m'hemmx kontroll fl-infurzar tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet li jittieħdu miżuri konkreti u komplementari għal dawk tal-Istati Membri fil-kuntest ta' approċċ ibbażat fuq is-sħubija.

4.4.1 Fost il-miżuri rakkomandati hemm it-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-konformità tar-regoli, il-promozzjoni tal-metodi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, l-evalwazzjoni regolari tal-leġislazzjoni nazzjonali u l-informazzjoni liċ-ċittadini u l-intrapriżi dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq intern.

4.5 Il-kriżi finanzjarja malajr infirxet, b'mod partikolari fl-Ewropa, u ħolqot konsegwenzi ekonomiċi u soċjali li kienu kemm mhux mistennija kif ukoll imprevidibbli, bħalma l-Kumitat kellu l-okkażjoni jenfassiza. Din wasslet għall-aktar reċessjoni profonda mis-snin 30 b'aktar minn 23 miljun persuna qiegħda [11], livell ta' qgħad li qatt ma kien hemm bħalu mit-Tieni Gwerra Dinjija. Ftit qabel it-tiġdid tal-mandat tiegħu u wara li inkariga lill-"Grupp de Larosière" [12] biex iħejji studju fir-reqqa dwar il-kawżi u l-miżuri neċessarji sabiex tiġi miġġielda din il-kriżi, il-Kummissjoni ħasset il-bżonn li tiddefinixxi linji gwida politiki ġodda għall-futur, f'din il-klima ekonomika, soċjali u finanzjarja ġdida.

4.6 Kien għal dan il-għan li fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni li jmiss, il-President Barroso ddefinixxa l-linji gwida prinċipali ta' suq uniku adattat għas-seklu 21, waqt li kkundanna t-tentattivi li l-kriżi tintuża bħala pretest biex jiġi attakkat l-iżvilupp tas-suq uniku u terġa' tiġi ddikjarata d-difiża tal-Kummissjoni bħala "l-pedament tat-Trattati" u "l-aħjar garanzija tal-prosperità fuq perijodu fit-tul", sakemm ikun adattat għall-"isfidi tal-ekonomija ta' għada". F'dan il-kuntest, huwa għaqli li jiġi enfasizzat li l-objettiv li s-suq intern jerġa' jingħata spinta 'l quddiem bħala mutur fundamentali tal-ekonomija Ewropea jista' jinkiseb biss jekk politika attiva li tiddefendi l-konsumatur jirnexxilha tagħti liċ-ċittadini l-kunfidenza meħtieġa sabiex jipparteċipaw totalment fis-suq uniku.

[6] L-Artikolu 7 tat-TUE jipprevedi żewġ dispożizzjonijiet distinti li japplikaw f'każ ta' "riskju ċar ta' ksur serju" u għal "ksur serju u persistenti".

[7] ĠU C 77, 31.03.2009, p. 15 u ĠU C 182, 04.08.2009, p. 1.

[8] COM(2008) 703 finali.

[9] Ara l-opinjoni tal-KESE, ĠU C 128, 18.05.2010, p. 103.

[10] Rakkomandazzjoni 2009/524/KE: ara r-Riżoluzzjoni importanti tal-PE tad-09.03.2010 (Dok. A7-0064/2009).

[11] Skont l-aħħar statistika tal-Eurostat.

[12] Il-KESE ħareġ opinjoni dwar ir-Rapport tal-Grupp de Larosière – ĠU C 318, 23.12.2009, p. 57.

4.6.1 Fl-istess ħin, il-President tal-Kummissjoni inkariga lis-Sur Mario Monti, eks membru tal-Kummissjoni responsabbli għas-suq intern, bil-missjoni li jipprepara rapport dwar ir-rilanċ tas-suq uniku, liema rapport ġie ppreżentat fid-9 ta' Mejju, Jum l-Ewropa, fil-Parlament Ewropew. Wara li joħroġ fid-dieher id-diffikultajiet ewlenin li jiffaċċja s-suq uniku, ir-rapport jipproponi inizjattivi bil-għan li jsaħħu s-suq uniku filwaqt li jikkunsidra konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali. Fl-istess ġurnata ġie ppreżentat quddiem il-Kunsill Ewropew rapport ieħor intitolat "Proġett għall-Ewropa 2030, Sfidi u Opportunitajiet" tal-grupp ta' riflessjoni dwar il-futur tal-Ewropa, ippresedut mill-eks Prim Ministru Spanjol, Felipe González. Dan ir-rapport jiffoka l-iżjed fuq il-perspettivi tal-governanza ekonomika Ewropea fil-perijodu medju u jirreferi wkoll għar-rwol deċiżiv tat-tisħiħ u t-twettiq tas-suq uniku għall-ħolqien ta' "sitwazzjoni fejn kulħadd joħroġ rebbieħ: ftehim ġdid għas-suq uniku". Il-konklużjonijiet tiegħu dwar il-governanza ekonomika żgur li ser iħallu impatt deċiżiv fuq il-futur tas-suq uniku.

4.7 L-istrateġija li tissostitwixxi dik ta' Lisbona, li l-implimentazzjoni tagħha kienet falliment parzjali, għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' dawn il-linji gwida politiċi ġodda. Madankollu, l-Istrateġija "Ewropa 2020" ma tidhirx li qiegħda tagħti wisq importanza lis-suq uniku ħlief għal xi linji fil-kapitolu ddedikat għal-"Lakuni u diffikultajiet", li juri nuqqas fl-entużjażmu għas-suq uniku.

4.7.1 Sabiex tiġi rimedjata din id-diffikultà tas-suq uniku, il-Kummissjoni ħabbret li ser tipproponi leġislazzjoni aħjar, b'mod partikolari li tipprijoratizza l-użu usa' tar-regolamenti aktar milli tad-direttivi, li l-leġislazzjoni tiġi adattata għall-era diġitali u li jsir progress lejn liġi Ewropea tal-kuntratti b'valur fakultattiv, b'mod partikolari fil-qasam tal-kuntratti konklużi mal-konsumaturi. Matul is-seduta tiegħu quddiem il-Parlament Ewropew, iżda fuq kollox fid-dikjarazzjonijiet reċenti tiegħu f'Pariġi, il-Kummissarju Michel Barnier, responsabbli għas-suq uniku, insista fuq il-bżonn li l-individwu jiġi rikonċiljat mas-suq inġenerali, li għandu jkun għas-servizz tal-proġett soċjali. Bħalma tenfasizza l-Kummissarju Viviane Reding, is-suq uniku jibqa' "l-ġojjelli tal-kuruna" tal-Unjoni Ewropea ([13]).

4.8 Fl-istess ħin, l-inizjattiva taċ-ċittadini, introdotta bl-Artikolu 11(4) tat-TUE u li kienet is-suġġett ta' analiżi profonda mill-Kumitat ([14]), tista' tħalli konsegwenzi kbar fuq l-iżvilupp futur tas-suq intern.

4.8.1 Fil-fatt, dan l-istrument ta' parteċipazzjoni miċ-ċittadini jiftaħ triq ġdida sabiex jinbdew suġġetti essenzjali għas-soċjetà ċivili li kienu għadhom ma ġewx ittrattati s'issa, minħabba nuqqas ta' interess jew rieda politika min-naħa tal-istituzzjonijiet Komunitarji (l-istatut tal-Fondazzjoni Ewropea ([15]), l-azzjonijiet tal-grupp fil-livell Ewropew ([16]), id-dritt Ewropew għal strajk, eċċ.).

## 5. **Kummenti speċifiċi**

5.1 L-osservazzjonijiet tar-rapport ta' informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet relatati mas-suq intern li jinsabu fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jibqgħu japplikaw (ara pereżempju punt 6.a).

5.2 Fost is-sebgħa u tletin protokoll mehmużin mat-Trattat ta' Lisbona, erbgħa għandhom impatt ftit jew wisq dirett fuq is-suq intern.

— L-ewwel nett, il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, għax dawn tal-aħħar għandhom tendenza li jiġu applikati fil-kuntest tal-kompetenzi maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Is-suq intern jagħmel parti mill-oqsma tal-kompetenzi kondiviżi.

— Il-Protokoll Nru 27 dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni wkoll ser iħalli impatt fuq is-suq intern. Fi ftit kliem, jipprevedi li s-suq intern jinkludi sistema li tassigura li l-kompetizzjoni ma tiġix distorta.

— Il-Protokoll Nru 25 dwar l-eżerċizzju ta' kompetenzi kondiviżi ser iħalli impatt fuq is-suq intern għall-istess raġunijiet tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

— Il-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali bla dubju ta' xejn ukoll ser jaqdi rwol fis-suq intern. Dan jippreċiża li dawn is-servizzi jagħmlu parti mill-valuri komuni tal-Unjoni u jinsisti fuq il-poter ta' diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-proviżjoni, il-kummissjoni u l-organizzazzjoni tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Jiġġustifika wkoll id-diversità u d-differenzi eventwali fil-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-utenti minħabba raġunijiet ġeografiċi, soċjali jew kulturali. Fl-aħħar jinsisti fuq il-promozzjoni tal-aċċess universali u l-livell għoli f'termini ta' kwalità, sigurtà u aċċessibbiltà ta' dawn is-servizzi kif ukoll tad-drittijiet tal-utenti. L-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 26 huwa innovativ peress li għall-ewwel darba jikkwota fil-liġi primarja s-"servizzi non-ekonomiċi ta' interess ġenerali" u jiggarantixxi l-kompetenza tal-Istati Membri li jipprovdu, jikkummisjonaw u jorganizzaw dawn is-servizzi.

([13]) Diskors li ntqal matul il-Jum tal-Konsumaturi f'Madrid nhar il-15 ta' Marzu 2010 "*An ambitious Consumer Rights Directive: boosting consumers' protection and helping businesses*" (*Direttiva ambizzjuża tad-Drittijiet tal-Konsumaturi: insaħħu l-protezzjoni tal-konsumaturi u ngħinu linnegozji*).

([14]) Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar "L-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona: id-demokrazija parteċipattiva u l-inizjattiva taċ-ċittadini" (CESE 465/2010, SC/032) fejn ġie analizzat u saru kummenti dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni (COM(2009) 622 finali, 11.11.2009), u l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar "L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-presidenzi tal-Kunsill tal-UE" (CESE 464/2010, SC/032); ara wkoll ir-Riżoluzzjoni importanti tal-PE dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini tas-7 ta' Mejju 2009 (Doc A6-0043/2009).

([15]) Opinjoni fuq inizjattiva proprja CESE 634/2010, INT/498.

([16]) ĠU C 162, 25.06.2008, p. 1 u ĠU C 128, 18.05.2010, p. 97.

5.3 Żewġ dikjarazzjonijiet jistgħu jħallu impatt impatt fuq is-suq intern. Id-Dikjarazzjoni Nru 18 dwar id-delimitazzjoni tal-kompetenzi li tgħid li fis-sistema ta' tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri kif prevista fit-Trattati, il-kompetenzi kollha li mhumiex mogħtija mit-Trattati lill-Unjoni jibqgħu għand l-Istati Membri u li, fil-qafas tal-kompetenzi kondiviżi, l-Istati Membri jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom sakemm l-Unjoni ma teżerċitax, jew iddeċidiet li tieqaf teżerċita, il-kompetenza tagħha.

5.3.1 Filfatt, l-attribuzzjoni tal-kompetenzi lill-Komunità malajr ixxebħet mill-Qorti ma' trasferiment ta' kompetenzi min-naħa tal-Istati Membri lill-istituzzjonijiet Komunitarji, bħalma turi s-sentenza Costa vs ENEL tal-1964 li ddefinixxiet lill-Komunità Ekonomika Ewropea bħala "Komunità b'dewma illimitata, bl-istituzzjonijiet tagħha … u b'mod aktar partikulari b'poteri veri li ġejjin minn limitu ta' kompetenzi jew ta' trasferiment ta' attribuzzjonijiet tal-istati lill-Komunità …" (Aff. 6/64 ECR 1141).

5.3.2 Fl-aħħar, id-Dikjarazzjoni Nru 42 tispeċifika li fl-applikazzjoni ta' każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi m'għandux iservi ta' bażi għat-twessigħ tal-qasam tal-kompetenza tal-Unjoni lil hinn mill-qafas ġenerali maħluq mid-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattati.

## 6. Il-konsegwenzi prinċipali fuq il-politika tas-suq intern

6.1 Fir-rigward tal-emendi speċifiċi introdotti għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati relatati mal-politika tas-suq intern, irid jiġi enfasizzat dan li ġej:

a) Is-sostituzzjoni tal-kliem "suq komuni" b'"suq intern" turi l-bidla kwalitattiva ta' suq komuni lejn suq intern, li tippermetti li jiġu ċċarati l-kunċetti dottrinali kontroversjali u għalhekk issaħħaħ l-idea li l-UE mhijiex biss suq ħieles fis-sens purament ekonomiku ta' żona ta' kummerċ ħieles iżda pjuttost suq intern għaċ-ċittadini (Artikolu 26 tat-TFUE) ([17]).

b) Fir-rigward tat-tisħiħ u definizzjoni aktar iddettaljata tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jista' jiġi nnutat li l-preferenza tad-direttivi fuq ir-regolamenti li tidher fil-Protokoll Nru 30 tat-Trattat KE tneħħiet mill-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Lisbona.

c) Sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-parlamenti nazzjonali ingħataw kważi dritt ta' "veto" mfisser bħala terz tal-voti kollha attribwiti lill-parlamenti nazzjonali. Barra minn hekk, parlament nazzjonali jista' jopponi inizjattiva leġislattiva fil-qasam tal-liġi tal-familja (Artikolu 81 tat-TFUE).

d) Il-Parlament Ewropew ingħata poteri ġodda permezz tal-estensjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni, li ġiet imsejħa "proċedura leġislattiva ordinarja". Tpoġġa' fuq l-istess livell tal-Kunsill fil-kwistjonijiet baġitarji u jeleġġi l-president tal-Kummissjoni. Fit-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament Ewropew ġie definit bħala li huwa magħmul minn rappreżentanti "taċ-ċittadini tal-Unjoni" filwaqt li t-Trattat tal-KE jirreferi għal "rappreżentati tal-popli tal-Istati".

e) Proċedura ta' kodeċiżjoni (proċedura leġislattiva ordinarja) b'sistema ġdida ta' maġġoranza kwalifikata tal-voti fil-Kunsill ([18]) ser tiġi applikata għal numru ta' oqsma ġodda.

f) L-Istati Membri neħħew mill-objettivi tal-Unjoni r-referenza għal "suq intern fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux imxekkla". Il-politika tal-kompetizzjoni ġiet riformulata bħala għodda "meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern" filwaqt li b'wieħed mill-objettivi tal-Unjoni jkun "suq intern fejn il-kompetizzjoni hija libera u mhux imxekkla" wassal biex it-Trattat Kostituzzjonali jqajjem ċertu biża' fost xi whud.

g) Konsiderazzjoni ġdida tal-interessi tal-konsumaturi u tal-SMEs – li wasslet għall-"pakkett" Viżjoni Ġdida u l-Komunikazzjoni bit-titlu "Suq Uniku għall-Ewropa tas-Seklu 21" ([19]).

h) Kunċett ġdid tas-servizzi ta' interess ġenerali (l-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll Nru 26) li jikkjarifika r-responsabbiltajiet tal-Unjoni u d-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali eżaminati mill-Komunikazzjoni "Is-servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid" ([20]) li tipproponi li jiġi kkonsolidat il-qafas tal-UE tas-SIĠ.

i) Aktar tħassib dwar l-integrazzjoni tal-aspetti soċjali tal-implimentazzjoni tas-suq intern (ġlieda kontra l-esklużjoni jew id-diskriminazzjoni, promozzjoni tal-ġustizzja u tal-protezzjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi, solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal) b'rabta mal-Komunikazzjoni "Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà: lejn viżjoni soċjali ġdida għall-Ewropa tas-seklu 21" ([21]).

([17]) Il-Qorti kienet diġà kkonfermat, fil-5 ta' Mejju 1982 fis-sentenza Schul, każ 15/81, li s-suq komuni, sempliċi żona ta' kummerċ ħieles, jippreċedi s-suq intern. Is-suq intern għalhekk jinvolvi livell ogħla ta' integrazzjoni ekonomika.

([18]) Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji.

([19]) COM(2007) 724 finali, SEC(2007) 1517, 1518, 1519, 1520 u 1521.

([20]) COM(2007) 725 finali, SEC(2007) 1514, 1515 u 1516.

([21]) COM(2007) 726 finali.

j) It-Trattat ta' Lisbona jinkludi innovazzjonijiet billi jestendi l-possibbiltà li jinbdew kooperazzjonijiet imsaħħa għall-azzjoni kollha tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-qasam rilevanti tal-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni (Artikolu 20 tat-TUE), sakemm minn tal-inqas 9 Stati Membri jipparteċipaw fiha (ikun xi jkun in-numru tal-Istati Membri). Dan ġej mid-deċiżjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara approvazzjoni tal-Parlament Ewropew (Artikolu 329(1) tat-TFUE) u għalhekk jista' jolqot lis-suq intern, lis-suq tal-enerġija, il-politika tal-immigrazzjoni u l-protezzjoni ċivili, b'mod partikolari.

Brussell, 14 ta' Lulju 2010.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Mario SEPI